



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 197/22

Il-Lussemburgu, 8 ta' Diċembru 2022

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-460/20 | Google (Tneħħija ta' referenza ta' kontenut allegatament falz)

Dritt għal tħassir (“dritt li wieħed jintesa”): l-operatur ta' magna tat-tiftix għandu jneħħi referenza għal informazzjoni li tinsab fil-kontenut irreferenzjat meta l-persuna li titlob tal-tneħħija tipprova li din tkun manifestament falza

Madankollu tali prova ma għandhiex tirriżulta minn deċiżjoni ġudizzjarja miksuba kontra l-editur tas-sit tal-internet

Żewġ diriġenti ta' grupp ta' kumpanniji ta' investimenti talbu lil Google tneħħi r-referenza minn riżultati ta' tiftixa fuq il-bażi ta' isimhom, li jiġbru links lejn ċerti artikli li jippreżentaw b'mod kritiku l-mudell ta' investiment ta' dan il-grupp. Huma jsostnu li dawn l-artikli jinkludu allegazzjonijiet foloz.

Barra minn hekk, huma talbu lil Google jneħħu ritratti tagħhom, iviżwalizzati taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar (thumbnails), mil-lista ta' riżultati ta' tiftixa-permezz-ta'-immaġnijiet imwettqa fuq il-bażi ta' isimhom. Din il-lista kienet turi biss l-immaġnijiet żgħar bħala tali, mingħajr ma tinkludi l-elementi mill-kuntest tal-pubblikazzjoni tar-ritratti fuq il-paġna tal-internet irreferenzjata. Fi kliem ieħor, il-kuntest inizjali tal-pubblikazzjoni tal-immaġnijiet la kien indikat u lanqas kienet viżibbli mod ieħor mal-viżwalizzazzjoni tal-immaġnijiet żgħar.

Google rrifjutat li taġixxi fuq dawn it-talbiet billi rreferiet għall-kuntest professjonali li fih dehru dawn l-artikli u ritratti u billi argumentat li ma kellhiex għarfien dwar jekk l-informazzjoni li tinsab fl-artikli kinitx falza jew le.

Il-Qorti Federali tal-Ġustizzja Ġermaniża, adita b'din it-tilwima, talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, li jirregola, b'mod partikolari, id-dritt għal tħassir (“id-dritt li wieħed jintesa”), kif ukoll id-Direttiva dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, moqrija fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li **d-dritt għall-protezzjoni tad-data ta' natura personali** ma huwiex dritt assolut iżda għandu **jitqies fid-dawl tar-rwol tiegħu fis-soċjetà u għandu jiġi bbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħra**, konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità. B'hekk, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jipprevedi espressament li d-dritt għal tħassir jiġi eskluż meta l-ipproċessar ikun neċessarju għall-eżerċizzju tad-dritt korrispettiv, b'mod partikolari, tal-libertà tal-informazzjoni.

Id-drittijiet tas-suġġett tad-data għall-protezzjoni tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data ta' natura personali jipprevali, bħala regola ġenerali, fuq l-interess leġittimu tal-utenti tal-internet potenzjalment interessati li jkollhom aċċess għall-informazzjoni inkwistjoni. Madankollu dan l-ekwilibriju jista' jiddependi miċ-ċirkustanzi rilevanti ta' kull każ, b'mod partikolari min-natura ta' din l-informazzjoni u min-natura sensittiva tagħha għall-ħajja privata tas-suġġett tad-data kif ukoll mill-interess tal-pubbliku li jkollu l-imsemija informazzjoni, li jista' jvarja, b'mod

partikolari, skont ir-rwol li jkollha din il-persuna fil-ħajja pubblika.

Madankollu, id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u ta' informazzjoni ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni meta, minn tal-inqas, parti mill-informazzjoni li tinsab fil-kontenut irreferenzjat li ma tkunx ta' importanza minuri tirriżulta li hija falza.

Minn naħa, fir-rigward **tal-obbligi li jkollha l-persuna li titlob it-tneħħija ta' referenza** minħabba l-falsità ta' kontenut, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li hija din il-persuna li għandha tistabbilixxi l-falsità manifesta tal-informazzjoni jew ta' parti minn din l-informazzjoni li ma hijiex ta' importanza minuri. Madankollu, sabiex jiġi evitat li din il-persuna jkollha oneru eċċessiv li jista' jippreġudika l-effett utli tad-dritt għat-tneħħija ta' referenza, hija għandha biss tipproduċi provi li jistgħu raġonevolment ikunu meħtieġa li din tiġbor. Għalhekk, din il-persuna, bħala prinċipju, ma hijiex obbligata tipproduċi, sa mill-istadju prekontenzjuż, deċiżjoni ġudizzjarja miksuba kontra l-editur tas-sit tal-internet inkwistjoni, anki taħt il-forma ta' deċiżjoni għal miżuri provviżorji.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward, **tal-obbligi u tar-responsabbiltajiet li għandu l-operatur tal-magna tat-tiftix, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, wara li ssir talba ta' tneħħija ta' referenza, dan tal-aħħar għandu jibbaża ruħu fuq id-drittijiet u l-interessi kollha preżenti kif ukoll fuq iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni għall-finijiet tal-verifika dwar jekk kontenut ikunx jista' ikompli jiġi inkluż fil-lista ta' riżultati tar-riċerki mwettqa permezz tal-magna tat-tiftix tiegħu. Madankollu, l-imsemmi operatur ma jistax jitqies li jeżerċita rwol attiv fil-konstatazzjoni ta' elementi fattwali li ma jkunux issostanzjati bit-talba ta' tneħħija ta' referenza, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-fondatezza ta' din it-talba.**

Konsegwentement, **fil-każ fejn il-persuna li tkun ressqet talba ta' tneħħija ta' referenza tipproduċi provi rilevanti u suffiċjenti, adattati biex jissostanzjaw it-talba tagħha u li jistabbilixxu n-natura manifestament falza tal-informazzjoni** li tinsab fil-kontenut irreferenzjat, **l-operatur tal-magna tat-tiftix għandu jilqa' din it-talba.** Dan ikun wisq iżjed minnu meta din tippreżenta deċiżjoni ġudizzjarja li tikkonstata dan. Min-naħa l-oħra, fil-każ fejn in-natura falza tal-informazzjoni li tinsab fil-kontenut irreferenzjat ma toħroġ b'mod manifest fid-dawl tal-provi prodotti mis-suġġett tad-data, dan l-operatur ma għandux, fl-assenza ta' tali deċiżjoni ġudizzjarja, jilqa' din it-talba. Madankollu, jekk jiġri hekk, is-suġġett tad-data għandu jkun jista' jadixxi l-awtorità superviżorja jew l-awtorità ġudizzjarja sabiex dawn iwettqu l-verifiki neċessarji u jordnaw lil din il-persuna responsabbli tadotta l-miżuri mandatorji. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja teħtieġ li l-operatur tal-magna tat-tiftix javża lill-utenti tal-internet dwar l-eżistenza ta' proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja li tikkonċerna n-natura allegatament falza tal-kontenut sa fejn dan ikun ġie informat dwar din il-proċedura.

Għal dak li jikkonċerna l-viżwalizzazzjoni ta' ritratti taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar (thumbnails), il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-viżwalizzazzjoni, wara tiftixa fuq il-bażi tal-isem, taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar, ta' ritratti tas-suġġett tad-data, hija ta' natura li tikkostitwixxi **interferenza partikolarment sostanzjali fid-drittijiet għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali ta' din il-persuna.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, meta l-operatur ta' magna tat-tiftix jirċievi talba ta' tneħħija ta' referenza relatata mar-ritratti vviżwalizzati taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar (thumbnails), huwa għandu jivverifika jekk il-viżwalizzazzjoni ta' dawn ir-ritratti tkunx neċessarja għall-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet potenzjalment interessati li jkollhom aċċess għal dawn ir-ritratti. F'dan ir-rigward, il-kontribut għal dibattitu ta' interess ġenerali jikkostitwixxi element primordjali li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-ibbilanċjar tad-drittijiet fundamentali kunfliġġenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża **li huwa neċessarju bbilanċjar distint tad-drittijiet u tal-interessi kunfliġġenti.** Minn naħa, meta jkunu inkwistjoni artikli mogħnija b'ritratti li, imqiegħda fil-kuntest ta' orijini tagħhom, jillustraw l-informazzjoni pprovduta f'dawn l-artikli u l-opinjoni jiet li jiġu espressi fihom, u, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' ritratti vviżwalizzati taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar (thumbnails) fil-lista ta' riżultati ta' magna tat-tiftix barra mill-kuntest li fih dawn ikunu ġew ippubblikati fuq il-paġna internet li minnha joriġinaw. Fil-kuntest tal-ibbilanċjar relatat mar-ritratti vviżwalizzati taħt il-forma ta' immaġnijiet żgħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **għandu jitqies il-valur**

informattiv tagħhom mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-paġna internet li minnha jkunu ttieħdu. Madankollu kull element testwali li jakkumpanja direttament il-viżwalizzazzjoni tar-ritratti fir-riżultati ta' tiftix u li jista' jitfa' dawl fuq il-valur informattiv tagħhom għandu jittieħed inkunsiderazzjoni.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u s-sunt](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

